MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru 167/2015

Il-Pulizija

Spettur Kylie Borg

vs

Charles Joseph Agius

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 539785M akkuzat talli nhar is-28 ta' Gunju 2014, u fil-granet u xhur ta' qabel, gewwa St.Philip's Bar and Restaurant, fi Triq San Filippu, Zebbug:

1. b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

2. ikkometta serq ta’ elettriku ta’ valur ta’ izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-dannu tal-kumpanija Enemalta u/jew il-Gvern ta’ Malta, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-valur u bil-mezz;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata ssibu hati tal-akkuza dedotti kontra tieghu;

Rat l-Artikolu 261 (b)(c)(f), 263, 267, 270, 279(b), 280(I) tal-Kap 9.

Tiddeciedi: li tapplika l-Artikolu 22 u 24 tal-Kap 446; tillibera l-imputat bil-lundizzjoni li ma jaghmilx reat zmien tlett xhur mill-lum u fi zmien xahar ihallas l-ammont dovut lill-Korporazzjoni Enemalta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------